# Il-Ħadd 16.08.2015

1. It-Tnejn 17/08:
   - *Filgħaxija ma jkollniex quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.*
     Fis-7:00pm issir Quddiesa fiċ-Ċimiterju li tkun b'suffraġġju għall-erwieħ ta' ħutna u qrabatna mejtin, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pawl.
2. It-Tlieta 18/08:
   - Fid-9:30am imiss il-Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa bis-sehem taż-Ż.A.K. u ż-żgħażagħ li jħobbu l-Festa.
3. Il-Ħamis 20/08:
   - *Filgħaxija ma jkollniex quddiesa fil-Knisja Parrokkjali.*
     Fis-6:00pm - Quddiesa fejn il-Knisja ta' Santa Marija fejn ikollna ħin ta' Adorazzjoni u tingħata l-Barka Sagramentali.
     Fis-7:00pm - Nilqgħu lill-istatwa ta' San Pawl lura fostna wara r-Restawr fejn is-Salib tad-Dejma u nakkumpanjawha b'innijiet u talb minn Triq Santa Marija għall-Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.
4. Il-Ġimgħa 21/08:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa, u wara
   - Fis-7:00pm - Logħob għat-tfal kollha tal-parroċċa f'Misraħ il-Knisja, organizzat mill-Kummissjoni Kateketika.
   - Mit-8:30pm 'il quddiem, tittella' Lejla Maltija fil-Pjazza tal-Knisja.
5. Is-Sibt 22/08:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:30pm - il-Quddiesa tkun b'suffraġġju għall-erwieħ ta' qrabatna mejtin, li mietu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn, u għal ħutna mejtin li ħadmu għall-festa.
   - Mit-8:30pm 'il quddiem, tittella' Lejla Maltija fil-Pjazza tal-Knisja.
6. Il-Ħadd 23/08:
   - Fit-8:15am - il-Quddiesa tkun bis-sehem tal-membri tal-Għaqda tan-Nar 'San Pawl', u fiha nitolbu b'mod partikulari għalihom u għall-familji tagħhom biex il-Mulej, bl-interċessjoni ta' San Pawl, iħarishom minn kull periklu tar-ruħ u tal-ġisem matul din il-ġimgħa speċjali tal-festa.
   - Fl-10:00am - il-Quddiesa tkun biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija, u wara ssir il-Preżentazzjoni tat-trabi lill-Appostlu missierna San Pawl.
   - Mit-8:00pm 'il quddiem, Ikla fiċ-Ċentru Parrokkjali b'risq il-Festa.
7. Avviżi oħra:
   - Nitlob lill-koppji li qed jiċċelebraw l-10 / 20 / 25 / 30 / 40 / 50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, kif ukoll lil dawk li żżewwġu minn wara l-festa tas-sena l-oħra 'l hawn biex jiġu jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba l-quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar il-Ġimgħa 28/08, fl-Aħħar Jum tat-Tridu.
   - Matul dawn il-jiem, Matthew Debattista, abbati mill-parroċċa tagħna ser jingħaqad ma' diversi abbatini oħra minn Malta biex jagħti s-servizz tiegħu fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Nawgurawlu għal din l-esperjenza u nitolbu għalih.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 315 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 960 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa;
   - € 610 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.